# IŻ-ŻJARA FOSTNA TAT-TIENI PAWLU

*JOSEPH SCERRI*

*"Mhux il-bogħod minna hawn il-Grotta fejn, skond tradizzjoni popolari u venerabli, San Pawl għex waqt li kien Malta. Kif tafu, San Pawl kien jifraħ fil-ħafna tbatijiet li ġarrab minħabba fl-Evanġelu. Hu fehem li kien biss permezz tat-tbatija ma' Kristu li naslu biex naqsmu fil-qawwa tal-Qawmien Tiegħu".*

Dan hu parti mid-diskors li l-Q.T. il-Papa għamel fuq it-Tribuna ta' San Pawl taz-zuntier quddiem folla enormi ta' morda u Rabtin.

Iżda dan kien il-qofol ta' din iż-żjara. Il-preparamenti għalija kienu ilhom li bdew u kienu jirrekjedu ħafna xogħol u sagrifiċċju speċjalment meta wieħed iqis li din iż-żjara seħħet biss 22 ġurnata qabel il-festi tagħna.

Kien fil-ħarġa ta' 'Il-Mument' ta' nhar il-Ħadd 18 ta' Frar 1990, li ħarget esklussivament li bħala parti mill-programm tal-vizta tal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II kien hemm li hu ser jibda ż-żjara pastorali tiegħu billi mill-ajruport jibqa ġej ir-Rabat u jinżel fil-Grotta qaddisa biex hemm jitlob sabiex iż-żjara tkun suċċess. Aktar tard dawn il-pjanijiet inbidlu u ż-żjara fir-Rabat ġiet marbuta mal-laqgħa tal-morda u mar-reċita tar-'Regina Coeli' f'nofs in-nhar tal-Ħadd.

Malli ħarġet din l-aħbar qam entużjażmu mar-Rabat kollu u kien jinħass ferħ kbir ma kullimkien.

Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li jiġi restawrat b'mod li jixraq, iz-zuntier li hemm fuq il-lemin tal-Knisja tagħna u għalhekk l-Arċipriet flimkien mal- Kapitlu deherlu li issa kien il-mument li dan il-proġett isir u jiżżanżan għal



*Il-Papa Ġwanni Pawlu II qiegħed isellem lill-Poplu Rabti miġbur fil-Pjazza ta' San Pawl.*

dan l-avveniment hekk kbir. Għalhekk beda xogħol kbir mid-ditta Joseph Farrugia biex ġie mibdul il-paviment b'wieħed magħmul minn blokki żgħar tal-concrete ta' kulur ħamrani kif ukoll passaġġi tal-franka. It-tribuna ta' San Pawl taż-żurżieqa ġiet ukoll restawrata u mgħotija dehra isbaħ. Sar kanċell tal-ħadid fejn il-bieb ta' ħdejn Triq Gużmana Navarra u twaħħal mill-ġdid il-kanċell il-qadim tal-bieb tal-faċċata tal-Kolleġġjata li jagħti dirrettament għaz-zuntier. Twaqqgħet ukoll il-kamra li kien hemm mibnija mal-Kappella tal-Maddalena li dan l-aħħar ma kienet qed isservi għalxejn.

Sadanittant fil-Grotta sar xi tindif ta' ħitan u sistema elettrika ġdida li inkludiet ukoll braz-

zi tal-ħadid addattati ferm għat-taraġ.

Fil-knisja, l-artal maġġur ġie armat bil-fided bħal fil-Festa ta' Corpus Domini. Ġie armat id-damask u l-linef kif ukoll l-altari l-oħra kollha. Il-Ħadd filgħodu ġie armat ukoll id-driegħ ta' San Pawl fuq l-artal maġġur kif ukoll ġinokjatur antik (seklu XVIII) f'nofs il-korsija ħdejn l-artal tal-Madonna tal-Grazzja.

Fil-Grotta isfel tqiegħed ukoll tapit tad-damask biex fuqu jitlob il-Papa.

Ġie maħdum minn Aquilina Bros. Ta' Qali tron tal-kewba bl-armi tal-Papa biex jiġi użat minnu waqt id-diskors tiegħu lill-morda. Sfortunatament dan it-tron ma ġiex użat mill-Qdusija Tiegħu minħabba tibdil fil-programm li ma kienx previst. Ġie wkoll maħdum mis-Sur Ġużeppi Galea riliev li juri l-Grotta bl-istatwa ta' San Pawl. Dan kellu jkun ir-rigal tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-Paroċċa tagħna lill-Papa Ġwanni Pawlu II. Dan kien espost għall-pubbliku flimkien mat-tron fuq l-artal maġġur sa minn ġimgħat qabel iż-żjara tal-Papa. Rigal ieħor lill-Papa kellu jkun il-ktieb edittjat mill-Kanonku Dun Ġwann Azzopardi "St. Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat Malta," li dwaru ssibu xi tagħrif ieħor f'dan l-istess ktejjeb.

Il-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini u San Pawl ħa ħsieb li barra li jgħin f'tindifa ġenerali liz-zuntier, rama l-istess zuntier b'arma kbira tal-Papa flimkien ma arbli u bandalori ġodda li inħadmu għall-okkażjoni. Il-kumitat flimkien ma ħafna membri ħadu wkoll l-inkarigu biex armaw l-ark trionfali li bil-viżta tal-



*Il-Papa jiffirma l-Ktieb tal-Viżitaturi fil-Grotta ta' San Pawl.*

Papa kompla stagħna fl-istorja tiegħu. Dan l- ark huwa sinonimu ma viżti w avvenimenti oħrajn ta' ċerta importanza li seħħet minn żmien għal żmien fir-Rabat. Hu wkoll l-uniku armar tax-xorta li ġie armat f'Malta għaż-żjara tal-Papa. Għall-okkażjoni wkoll ġew armati bandalori fil-pjazza, fi Triq il-Kulleġġ u fi Triq il-Kbira kif ukoll id-damask tal-faċċata tal-Kolleġġjata.
Il-Kumitat tal-Każin San Pawl u l-Banda Konti Ruġġieru wkoll ħa ħsieb li jarma sew bil-bnadar, festuni, liedna u ritratt tal-Papa mall-faċċata tal-każin peress li l-Papa kellu jgħaddi fil-Pope Mobil minn quddiem l-istess każin. Dan barra li ppreparat sew lill-bandisti b'kunċerti għall-innu ufficċjali taż-żjara tal-Papa.

Iż-żewġ Każini tal-politika fir-Rabat ukoll ingħaqdu fi ħsieb wieħed f'din l-okkażjoni u hawn ta' minn ifaħħar il-mod kif intramaw dawn iż-żewġ każini. Minn dan l-artiklu nappellaw biex hekk isir ukoll fil-festa tal- Appostlu Missierna San Pawl, il-patrun tar-Rabat.

L-Ariċipriet, il-Kanonku Dun Benjamin Tonna, li f'idejh kienet l-organizzazzjoni tal-viżta tal-Papa fil-Kolleġġjata tagħna, beda sa minn ġimgħat qabel iż-żjara tal-Qdusija Tiegħu, illaqqa' grupp kbir ta' nies, nisa u rġiel biex jiġi organizzat bl-aħjar mod possibli id-dħul tal-morda fuq iz-zuntier, it-treġija tal-lokalitajiet ta' ħruġ u dħul ġoz-zuntier u affarijiet oħra. Dawn ġew mgħotija I.D. Card speċjali bl-isem u r-ritratt.
U hekk waslet il-ġurnata tant mistennija tal-Ħadd, 27 ta' Mejju 1990. Sa minn kmieni filgħodu fil-pjazza ġew imneħħija il-vetturi kollha u l-pjazza ġiet imdawra bil-barikati tal-pulizija. Barra minn dan sa minn kmieni filgħodu bdew jittieħdu miżuri ta' sigurta madwar il-Kolleġġjata. Id- dilettanti tan-nar tal-'Kamra tan-Nar San Pawl' dehrilhom li



*Il-Papa Ġwanni Pawlu II wara ftit mumenti ta'*
*ta lb fil-Kolleġġjata ta' San Pawl*

huma wkoll kellhom sehem x'jagħtu għal dan l-avveniment uniku u għalhekk mat-tmienja ta' filgħodu sbieħ il-Ħadd ġie maħruq salut tal-bomba li kompla kabbar l-atmosfera ta' festa u ferħ li kien diġa jinħass.

Għal ħabta tad-disgħa ta' filgħodu wasal il-'crew' ta' Xandir Malta bl- 'outside broadcasting unit' li kellu jittrasmetti diretta iż-żjara tal-Papa fir-Rabat. Dan ħa postu taħt il-kampnar tal-Kolleġġjata u tajjeb wieħed jgħid li l-kommentatur għal dan l-avveniment kien is-Sur Charles Abela Mizzi li intervista diversi membri tal-Kapitlu maħsubu in-konessjoni maż-żjara tal-Papa. Mal-'crew' tax-Xandir bdew jaslu wkoll għadd kbir ta ġurnalisti, fotografi, u 'cameramen' ta' aġen-

ziji, kemm Maltin kif ukoll barranin. Dawn ħadu posthom fil-lok riservat għalihom.

Sadanittant in-numru ta' nies fl-inħawi beda jikber konsiderevolment u l-ipparkjar tal-karozzi privati kien jasal sa biċċa l-kbira mit-triq li mir-Rabat tagħti għal San Pawl il-Baħar. Ta' min isemmi wkoll li l-Posta ta' Malta b'mod speċjali l-uffiċju tagħha fir-Rabat ukoll kienu mħabbtin ġmielhom dak in-nhar. Dan għaliex ġie maħruġ timbru postali għall-okkażjoni li kellu jiġi ttimbrat fil-fergħa tar-Rabat biss u li kien juri il-faċċata tal-Kolleġġjata tagħna flimkien mal-kliem Grotta ta' San Pawl, Rabat Malta. 27.V.1990: Żjara tal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II. *(Ara, 'Il-Festi Tagħna' 1990 Pġ. 38).* Ma dan hi ħarġet ukoll sett ta' żewġ bolli li wieħed juri lill-San Pawl Nawfragu u l-ieħor lill-Papa Ġwanni Pawlu. Id- disinn ta' dawn sar minn Noel Galea Bason.

Għal xi l-għaxra bdew jaslu l-morda (madwar 200) fuq iz-zuntier eskortati minn helpers u membri t'għaqdiet. Dan il-ħin ukoll waslu iż-żewġ baned dik tal-Konti Ruġġieru u L'Isle Adam li qagħdu waħda fuq kull naħa tal-bieb prinċipali.
Magħhom kien hemm ukoll membri tal-kumitati rispettivi.

Għal ħabta tal-11.30 a.m. bdew jinstemgħu u jidhru l-'helicopters' tal-Forzi Armati ta' Malta fuq ir-Rabat. Dan kien sinjal li l-Papa telaq minn Ta' Qali u kien fi triqtu lejn ir-Rabat. Kif il-Papa wasal fuq is-Saqqajja bdiet tindaqq mota bil-qanpiena l-kbira tal-Kolleġġjata. Il-Papa li kien eskortat minn kwantita kbira ta' pulizija rekbin fuq il-muturi tat-traffiku u serbut ta' karrozzi oħra, għadda minn Triq il-Kbira fejn intllaqa' bi tfigħ ta' karti u fjuri li ksew il-Pope Mobil (ara ritratt tal-faċċata), u baqa għaddej minn Triq San Pawl sal-Kolleġġjata. Mal-ħitan ta' fejn għadda il-Papa twaħħlu posters b'tipi kbar ħomor li kellhom miktub "For us you are a second Paul' u 'Għalina inti t-tieni Pawlu', li kienu maħruġa mill- Kolleġġjata tagħna. Ta' min isemmi wkoll il-kwantita kbira ta' bnadar ta' San Pawl u tal-Papa li dehru jittajru fuq il-bjut sa min ġranet qabel iż- żjara tal-Papa. Malli wasal fil-pjazza iż-żewġ baned flimkien daqqew innijiet tal-Papa (l-innu Pontifiċju) u dak uffiċċjali taż-żjara. Wieħed irid jgħid ukoll li filgħaxija iż-żewġ baned daqqew bħala banda waħda ħdejn il-Kattidral ta' l-Imdina fejn il-Papa mar jagħmel il-laqgħa ekumenika.

X'ħin niżel mill-Pope Mobile il-Q.T. il-Papa kien milqugħ mill-Arċipriet il-Kan. Dun Benny Tonna, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata u qassisin



*Il-Kapitlu Pawlin joffri r-rigali lil Papa f'isem il-poplu Rabti.*



*Il-Papa Ġwanni Pawlu II ħiereġ mill-Kolleġġjata tagħna fost l-entużjażmu tar-Rabtin.*

oħra miġbura. Wara ġie mlaqqgħa mal-Abbatini tal-Kolleġġjata ħdejn il-Kappella tal-Maddalena minn fejn baqa sejjer ħdejn il-morda. Mal-Papa wasal ukoll il-kumplament tal-"entourage", il-Kardinal Agostino Casaroli, Segretarju tal-Istat tal-Vatikan, Mons. Giovanni Battista Re, assistent Segretarju tal-Istat, Mons. Dino Monduzzi, Prefett tal-Casa Pontificia, Mons. Stanislaw Dziwisz, Segretarju Privat tal-Papa u Mons. Pier Luigi Celata, Nunzju Appostoliku.

Wara dan il-Papa, fost entużjażmu u ċapċip kbir, tela fuq it-tribuna u flok qagħad kif kellu jsir fuq l-ewwel indana tat-taraġ baqa tielgħa sa fuq nett fejn l-istatwa ta' San Pawl biex isellem lill-folla kbira li sa dak il-ħin kienet imliet kull rokna ta' l-inħawi. Miegħu telgħu ukoll l-Arċisqof Ġ. Mercieca u l-Arċipriet tar-Rabat.

Il-Papa taħt umbrella bajda li kienet qed tilqgħalu is-sħana tax-xemx beda d-diskors tiegħu lill-morda bil-kelmiet "Maħbubin Uliedi" li qalhom bil-Malti.

Wara d-diskors tiegħu li ġibna biċċa minnu fil-bidu ta' dan l-artiklu iżda li mhix possibli nġibuħ kollu, hu kanta r-'Regina Coeli' b'akkumpanjament minn kor tat-tfal mill-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl u Sorijiet Agostinjani. Ta' min jgħid li din ir-'Regina Coeli' ġiet imxandra dirett mall-pajjizi kollha mir-Radio Vatican kif ukoll min xi stazzjonijiet oħra fuq il-Eurovision.

Wara dan il-Papa ta l-Barka Appostolika tiegħu u dar biex isellem il- folla miġbura fi Triq San Pawl u l-Pjazza. Waqt daqq misseba' kitarristi għomja, telgħu grupp ta' nies magħzula bir-rigali tagħhom.

Minn hawn, fost rassa kbira, il-Q.T. il-Papa baqa sejjer għall-kolleġġjata. Daħal mill-bieb ta' Sant Anna u hemm niżel għarkubbtejh fuq il-ġinokjatur f'nofs il-korsija. Hawnhekk il-Papa deher jammira il-knisja. Wara qagħad jitlob għal xi minuti. Il-Papa qam u daħal lejn il-Knisja ta' San Publiju minn fejn niżel għall-Grotta. X'ħin daħal fil-Grotta qagħad għarkubbtejh quddiem l-istatwa ta' San Pawl filwaqt li l-Arċisqof deher iqiegħed bukkett fjuri taħt l-istatwa.

Hawnhekk il-Papa rajnieh jitlob għal ħmistax il-minuta sħaħ *(Ara faċċata ta' quddiem "Il-Festi Tagħna" 1990).* Wara dan qam, resaq ħdejn l-istatwa, qiegħed idejh il-leminija fuq dik xellugija ta' San Pawl, inkina b'rasu, biesha (ħaġa li l-Papa rari ħafna jagħmel) u ħareġ mill-Grotta.

Din il-viżta fil-Grotta jidher li laqtet lill-Qdusija Tiegħu tant li semmieha fid-diskors tat-tluq tiegħu, fl-ajruport ta' Ħal-Luqa kif ukoll fl-udjenza li ta l-Erbgħa 30 ta' Mejju 1990 fil-Vatikan.

Il-Papa daħal ukoll ħdejn l-artal ta' San Pawl tal-Gafa' li hemm fil-Grotta u hemm iffirma l-ktieb tal-viżitaturi tal-Grotta.

X'ħin reġa tela' fil-knisja ta' San Publiju, il-Papa daħal fil-Kolleġġjata mill-bieb tal-ġenb u minflok, kif kien ippjanat, ma baqax ħiereġ lejn il- bieb il-Kbir, il-Papa deher jersaq lejn l-aħħar bank tal-lemin tal-korsija u hawn qagħad bil-qiegħda fit-tarf tal-bank in-naħa tal-passaġġ tan-nofs. Din id-dehra li rnexxielna nistampawha fil-faċċata ta' wara tal-ktieb 'Il-Festi Tagħna' tas-sena li għaddiet tibqa stampata f'moħħ kull min għandu għal qalbu il-Parroċċa-Kolleġġjata tagħna. Il-Papa qagħad bil-qiegħda hemm għal xi għaxar minuti filwaqt li l-Kardinal Casaroli intefa għarkubtejh fl-aħħar bank.

Wara dan il-Qdusija Tiegħu qam, għamel ġinuflessjoni u deher ħiereġ lejn il-bieb prinċipali fejn ingħatawlu ir-rigali li semmejna qabel.

Kif ħareġ mill-bieb il-kbir iż-żewġ baned tar-Rabat daqqewlu l-innu Malti u fost ċapċip u entużjażmu kbir il-Papa ġie mwassal sa ħdejn il-Pope Mobil.
Ta' min isemmi hawn in-numru kbir ta' tfal Rabtin li l-Papa refa' u deher ibus.

Min hawnhekk il-Papa għadda għal Triq il-



*Il-Papa Ġwanni Pawlu II qiegħed jerfa' u jbus lit-tfal Rabtin fil-Pjazza tal-Parroċċa.*

Kulleġġ u Triq tal-Virtu dritt għas-Seminarju fejn ippranza mas-seminaristi.

Dan l-artiklu ġie miktub bl-intenzjoni li din iż-żjara, barra li titfakkar bir-ritratti, tiġi miktuba bid-dettalji kollha ħalli tibqa tqanqal fi qlubna sliem u ferħ bil-memorji sbieħ li ma ninsew qatt. Ser inġibu ukoll parti mil-messaġġ spontanju li l-Papa Ġwanni Pawlu II għamel fuq il-fosos wara l-quddiesa, il-Ħadd filgħaxija:-

*"..... se mmur lura Ruma u niltaqa' ma Pawlu. Jeħtieġ niltaqa' ma Pawlu u nirrakuntalu fuq Malta. Ngħidlu, Pawl, int tiftakar lil Malta, tiftakar, int waqqaftha l-Knisja f'Malta. Wara tant sekli sibt li hi knisja meraviljuza. Hu poplu qawwi ħafna, Malta, poplu kattoliku tajjeb. U meta mmur lura Ruma se ngħid lill-poplu Taljan fl-ilsien li intom ukoll tifhmu 'Sia lodato Gesu Cristo!'"*



*Il-Papa fi triqtu lejn is-Seminarju f'Tal-Virtu'*




*Waħda mill-irħamiet komemorattivi li jfakkru ż-Żjara tal-Papa lill-Kumpless Pawlin.*

**B'TIFKIRA.**

Wara ż-żjara tal-Papa il-Kapitlu tal-Kolleġġjata iddeċieda li jiġu imwaħħla erbgħa rħamiet li jfakkru erbgħa episodji taż-żjara tal-Papa. Waħda tqiegħdet mas-salib taż-żurżieqa ta' San Pawl u oħra fit-taraġ tal-Grotta. It-tnejn l-oħra tqiegħdu waħda fl-art quddiem l-istatwa ta' San Pawl tal-Grotta u l- oħra fi Triq il-Kulleġġ mal-ħajt tal-Knisja ta' San Publiju, fil-ġenb tal-Kolleġġjata. Dawn ġew imħallsa mill-membri tal-Kapitlu stess.

Barra minn dawn twaħħlet skrizzjoni fuq il-bank fejn poġġa bil-qiegħda il- Papa fl-aħħar filliera tal-knisja. Din is-sena ukoll hemm il-ħsieb li ssir tifkira f'għeluq is-sena tal-viżta tal-Q.T. fil-Kolleġjata tagħna filwaqt li ser titella ukoll esebizzjoni fil-mużew tal-Kolleġġjata.